MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Citazzjoni Numru. 308/2004

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 15 ta' Settembru 2004 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-partijiet izzewgu nhar it-12 ta' Settembru 1987 (Certifikat taz-zwieg anness bhala Dok "A");

Illi l-partijiet isseparaw legalment minn ma' xulxin permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Attard tas-17 ta' April 2004 (Kopja annessa bhala Dok "B");

Illi z-zwieg sehh meta l-partijiet ma kienux jafu sewwa lil xulxin u lanqas ma kienu japprezzaw il-hajja mizzewga jew id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha u ghalhekk il-kunsens taghhom kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**;

Illi meta gie celebrat iz-zwieg mertu ta' din il-kawza, il-personalita' tal-konvenut kienet affetta minn anomalija li taghmilha mpossibbli lill-istess konvenut li jwettaq l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg *ai termini* ta' l-istess **artikolu 19 (1) (d)**;
Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-
1. Tiddikjara li z-zwieg li sar bejn il-kontendenti fit-12 ta' Settembru 1987 huwa null u bla effett a tenur ta' l-**artikolu 19 sub-artikolu 1 (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 11 tal-process;

Rat id-digriet affidavit moghti lill-partijiet fit-2 ta' Dicembru 2003 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta' tletin (30) gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta x-xhieda kollha taghha producibbli bil-procedura ta' l-affidavits bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur tieghu, li jkollu wkoll l-istess terminu sabiex huwa wkoll jipprezenta l-affidavits tieghu.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut tad-29 ta' Dicembru 2004 a fol. 18 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjent jaccetta illi z-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fit-12 ta' Settembru 1987 ghandu jigi dikjarat null *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** u ghalhekk qieghed jammetti t-talba attrici f'dan is-sens, b'dan pero' illi l-eccipjenti jirrileva illi huwa ma jbaghtix minn xi anomalija psikologika u

certament ma jbaghtix minn xi anomalija tan-natura definita mill-artikolu citat.

2. Illi l-eccipjenti ma ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19 u 20 tal-process.

Rat in-noti ta' l-attrici **A**, wahda datata 4 ta' Marzu 2005 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha u dak t'ommha **Margaret Parnis England**, u l-ohra ta' l-4 ta' Marzu 2005 li biha ddikjarat li sa fejn taf hi m'hemm l-ebda kawza tal-partijiet quddiem it-Tribunal Ekklessjastiku.

Rat in-nota tal-konvenut datata 5 ta' Jannar 2005 fejn ukoll iddikjara li huwa ma ntavola ebda procedura ta' annullament quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku, u lanqas ma gie notifikat b'xi procedura simili istitwita minn martu.

Rat il-verbal tas-seduta tas-7 t'April 2005 fejn il-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2005. Aktar tard dehret Dr. Tanya Sammut ghall-konvenut li nfurmat lill-Qorti li lestiet zewg affidavits li xtaqet tipprezenta.

Rat in-nota sussegwenti tal-konvenut **B** tal-21 t'April 2005 li permezz taghha esebixxa z-zewg affidavits imsemmija, u cjoe' tieghu stess u dak ta' ommu **Josephine Borg Manduca**.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici talbet li z-zwieg celebrat jigi dikjarat null u minghajr effett u dan *ai termini* ta' l-**artikolu 19 (1) sub-inciz (d) ta' l-Att tal-1975 Dwar iz-Zwieg**.

Illi dan jipprovdi s-segwenti:

*"**19 (1)** B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null – omissis:*

***d)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;*

Illi l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi li l-kunsens ta' zewg persuni fir-rabta taz-zwieg jehtieg att volontarju li wiehed konxjament jinghaqad ma' persuna ohra bl-intenzjoni li jghix hajtu kollha ma' dik il-persuna u bejniethom jikkrejaw shubija fejn jaghtu lilhom infushom lil xulxin. Dan l-att jehtieg maturita' ta' hsieb u karattru tali li l-persuna li tidhol ghaz-zwieg taghraf il-*commitment* li jikkomporta z-zwieg, u cjoe` *commitment* li tinvolvi partecipazzjoni attiva fil-hajja ta' familja.

Illi mill-gurisprudenza nostrali jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib s-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-

zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu.

Illi dan ma jirrikjedix maturita' shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet, u cjoe` ghall-obbligi u drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cjoe’ dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-kontront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi.

Illi fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **“Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri”** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, gie studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. F'din is-sentenza l-Qorti dahlet fil-fond f’dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:

*“La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva ... ... La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all’atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmenfe quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emottotivita' che se sono turbati o inadeguati intraccano direttamente la volonta” e possono privare della liberta scelta interiore ... … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il* ***grado*** *di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il future.' (***Il Diritto Canonico Matrimoniale** - ***Bersini*** *- Torino 1994).*

Illi dan l-impenn ghall-futur jittraduci ruhu fl-obbligazzjonijiet essenzjali ghal hajja taz-zwieg, fosthom il-fedelta' u fiducja, il-permanenza taz-zwieg, u fuq kollox il-*benessere* reciproku bejn il-mizzewgin, u cjoe` dawk l-obbligazzjonijiet li minghajrhom unjoni ntima bejn il-konjugi fl-aspetti kollha taghha ma tistax issehh.

Illi dan ifisser li l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom.

Illi ghalkemm il-**Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta** ma taghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonjiet tal-hajja mizzewga u cjoe` dik l-unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokrejazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied.

**(ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partjiet izzewgu fit-12 ta' Settembru 1987 u sseparaw minn xulxin b'kuntratt pubbliku datat 17 ta' April 2004 fl-atti tan-Nutar Dr. Pierre Attard. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tliet itfal.

Illi fl-ewwel lok jinghad li ghalkemm il-partijiet qed jaqblu li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta' annullament taz-zwieg, u dan ghaliex hemm prezunzjoni legali wkoll favur il-validita' taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta' ordni pubbliku.

Illi jista' jkun li tali dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli. F'dawn it-tip ta' kazi fejn il-partijiet isseparaw bonarjament, il-Qorti ma tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet, ghaliex

altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi, u f'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li intqal f'dan ir-rigward fil-kawza diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** deciza fit-28 ta' Gunju 1987, kif ukoll f'sentenzi ta' din il-Qorti kif presjeduta bhal **"Wilma Vancell vs Joseph Vancell"** (P.A. (RCP) – 3 ta' Novembru 2004); **"Caroline Grech vs Ian Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Ottubru 2004); u **"Anthony Azzopardi vs Rita Azzipardi"** (P.A. (RCP) - 30 ta' Novembru 2004).

Illi fil-fatt l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' l-allegati cirkostanzi esposti fil-kaz tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-Ligi ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta' annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jigix annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet, izda a bazi tar-rekwiziti legali stabbiliti mill-ligi. F'dan is-sens wiehed jirreferi gha-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Cit. Nru 27/1999).

Illi wkoll trid issir differenza minn ragunijiet li jaghtu lok ghal separazzjoni personali u ragunijiet li jaghtu lok ghal annullament taz-zwieg. Ta' l-ewwel jirreferu ghal zwieg validu u kunsens validament moghti ghaz-zwieg, izda li fil-kors taz-zwieg inqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni tal-obbligu ta' konvivenza bejn il-partijiet. Fil-kaz ta' annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta' kunsens fil-mument taz-zwieg, li allura jrendu l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li minkejja li l-partijiet qablu li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg dan assolutament ma giex ippruvat ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti. Anzi jinghad li din il-Qorti ma hija bl-ebda mod konvinta li hemm bazi ta' annullament ghal dan iz-zwieg, u certament ma giex ippruvat li l-kunsens ta' xi parti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat kif allegat. Fuq kollox la l-allegezzjoni attrici ma gew ppruvati u lanqas l-allegazzjonijiet tal-konvenut, u dan apparti l-fatt li l-verzjoni ta' kull parti hija differenti u kontrastanti ghal dak li pproponiet il-parti l-ohra.

Illi dan ma jfissirx li ma kienx hemm dizgwid matrimonjali jew li l-koppja ma kellhiex diffikultajiet fiz-zwieg. Anzi jidher li kien hemm diffikoltajiet serji fl-istess zwieg, matul is-snin li l-istess koppja damet tghix flimkien u kellha tlett itfal. Dan fil-fatt wassal ghal bazi ta' firda personali, izda bl-ebda mod ma jaffettwa l-kunsens ta' xi parti minnhom ghal dan iz-zwieg.

Illi ntant meta wiehed ihares lejn ix-xhieda ta' l-attrici li tibbaza l-kaz taghha fuq l-allegazzjoni li l-kontendenti meta zzewgu kienu ghadhom immaturi, fejn tghid li l-konvenut anke tilef ix-xoghol qabel ma zzewgu. Jidher pero' li kien hemm diskussjonijiet bejn il-koppja qabel iz-zwieg anke sabiex ikollhom familja, ghalkemm tghid li l-konvenut ried biss wild wiehed, ghalkemm aktar tard accetta li jkollu aktar minn tarbija wahda, fejn fil-fatt Alla berikhom bi tliett ulied. L-istess attrici tghid li l-konvenut ma kienx immur tajjeb mat-tfal, ghalkemm din il-haga giet ikkontestata minnu. Ghalkemm jidher li l-koppja ghaddiet minn diffikoltajiet matrimonjali, kif gja' nghad, dawn iwasslu biss *se mai* ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni, izda certament mhux ghall-vizzju ta' kunsens allegat mill-attrici. Fil-fatt mix-xhieda taghha l-attrici tidher li kienet taf sew r-responsabbiltajiet taghha bhala mara mizzewga, u kienet lesta li timpenja ruhha ghalihom, kif fil-fatt ghamlet. Ma hemm l-ebda dubju li maz-zwieg hija saret taf izjed lill-konvenut, bhalma jigri fil-kazi kollha, imma dan ma jwassalx ghall-vizzju ta' kunsens anke jekk wiehed jiehu x-xhieda taghha dwar l-agir ta' zewgha, liema agir gie kontradett mill-istess konvenut. Ghalhekk din il-Qorti thoss li anke bhala fatt, il-provi ta' l-attrici lanqas huma konvincenti u certament ma jissodisfawx l-oneru ta' prova li jinkombu fuqha, almenu fuq dak allegat minnha. Dan apparti li x-xhieda taghha hija kwazi f'kull punt kontradetta mill-konvenut.

Illi l-istess jinghad dwar ix-xhieda moghtija mill-konvenut, fejn dan ipingi stampa ferm differenti mill-verzjoni kif moghtija mill-attrici. Jidher li jibbaza hafna minn dak li huwa jallega fuq il-premessa li l-attrici kienet dominanti, haga li l-istess attrici tikkontesta, anzi tghid bil-kontra

ghaliex fil-fatt ssostni li kien il-konvenut li kien jaghmel li jrid. Fil-fatt l-konvenut jghid li l-attrici kienet *“bniedma dominanti hafna”* u dan beda jinduna bih maz-zmien. Huwa jsostni li sena ma kenitx bizzejjed sabiex jkun jaf il-karattru ta’ martu qabel iz-zwieg, u anke li hu ma kienx matur u edott ghal dak li kien diehel ghalih. Dwar dan jinghad li ghalkemm lanqas din ix-xhieda ma hija la konvincenti u lanqas kredibbli, din il-Qorti thoss li l-allegazzjoni ta’ maturita’ li l-istess konvenut jghid li huwa kellu ma hijiex raguni ghaliex il-kunsens tieghu ghandu jigi ddikjarat li huwa b’xi mod vizzjat. Allahares dan huwa l-kaz ghaliex altrimenti kwazi kull zwieg jista’ jigi ddikjarat null. Fuq kollox li wiehed ma jkunx “matur” ma hijiex fiha nfisha vizzju ta’ kunsens lanqas a bazi ta’ l-artikolu citat mill-partijiet. Dan ghaliex biex isehh dan irid ikun hemm immaturita’ vera gravi u serja, haga li fl-opinjoni tal-Qorti wara li ezaminat skrupolosament ix-xhieda kollha prodotta mill-partijiet assulutament ma tirrizultax.

Illi ma huwiex kontest li l-koppja kellha problemi fiz-zwieg, u dan gja’ nghad u jinsab konfermat ukoll mix-xhieda tal-konvenut li jghid li *“problemi bdew jidhru ftit wara z-zwieg, pero’ komplew jiggravaw wara li kellna t-tfal. Principarjament, il-problemi ta’ bejnietna kienu minhabba nuqqas ta’ kompatibbilta’ ta’ karattri, minhabba nuqqas ta’ komunikazzjoni ta’ bejnietna illi kienet interferixxi fil-mod kif konna nrabbu lil uliedna ...”*

Illi dawn fil-fatt huma ragunijiet li jistghu jwasslu ghal dikjarazzjoni ta’ firda personali, izda certament mhux ghall-vizzju ta’ kunsens ghaliex id-disgwid matrimonjali fih innifsu mhux raguni u ma jwassalx ghal annullament taz-zwieg. Dawn huma zewg kuncetti ghal kollox differenti u distinti, u jidher li l-partijiet gabu provi ghall-kawza ta’ separazzjoni, izda certament din il-Qorti thoss li a bazi tax-xhieda moghtija u mressqa minn kull parti ma hemm l-ebda prova kwalunkwe li l-azzjoni attrici tista’ tirnexxi. Certament ma giex ippruvat li l-kunsens ta’ xi parti ghal dan iz-zwieg kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255**. Anzi mill-provi prodotti jidher li kull parti kienet konxja ta’ l-elementi essenzjali taz-zwieg u mpenjat ruhha biex dan jigi segwit.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi minkejja l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talba attrici** *stante* li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------